## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 146/2020

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Luwru Adam**

*Ommisis*

*Ommisis*

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Lawru Adam, detentur tan-numru tal-Pulizija 19J-172 u ommisis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-7 ta' Awwissu, 2020, f'dawn il-Gzejjer meta kellhom fil-pussess taghhom dokumenti mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe' passaporti tar-refugjati ta' Malta bin-numru 9030304, 9030538 u 9031930 mahruga f'isem Salih Abdela, Mohamedseid Ali Abdelwahab u Tesfadet Keleab Merhawi u

permessi tar-residenza ta' Malta bin-numri MT9711915, MT9502935 u ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircievew dokument li gie ittraferit lilhom minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta' Malta);

Aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe' dawk diga` imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta' Malta);

Aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta' prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 t' Awwissu, 2020 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-imputati hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom ghal sentejn [2] prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant **Luwru Adam**, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 t' Awwissu, 2020, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar il-htija izda tibdilha dwar il-piena billi taghti piena aktar konsona mal-kaz u mal-hati;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-appellant bil-gurament:

Semghet lill-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant Luwru Adam jillanja s-sentenza appellata bi gravam li ghandu sew minn natura tal-fatti kif ukoll minn dik legali u iehor dwar il-piena. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi huwa kien ammetta l-imputazzjoni izda mhux li huwa twieled fil-1 ta' Jannar 2002. Ir-raguni ghal dan l-aggravju hi li fid-data tal-kommissjoni tar-reat l-appellant kien ghadu minorenni u ghalhekk kellu jibbenefika minn piena mnaqqsa skond l-artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali;

2. Il-Qorti semghet lill-appellant bil-gurament dwar l-eta' tieghu ghaliex din hija fuq kollox Qorti ta' Gustizzja u ma tridx li, f'dan il-kaz, minorenni jkun sanzjonat b'piena li mhix applikabbli ghalih. Quddiem din il-Qorti, l-appellant xehed illi twieled fis-sena 2000. Il-kumplament, ghalhekk huwa *res ipsa loquitur* u huwa mmaterjali jekk il-jum tat-twelid huwiex mnizzel hazin bhala l-1 ta' Jannar jew le ghaliex fid-data tal-kommissjoni tar-reat, l-appellant gia kellu tmintax-il sena mghaluqa. Fil-mori tal-appell, l-appellant irtira dan l-aggravju u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

3. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant jilmenta mill-piena erogata bhala esagerata. Ghalkemm mhux deskritta b'dan il-kliem, l-appellant jghid illi l-piena kominata hija erba' darbiet dik li solitament tkun erogata f'kazijiet konsimili;

4. Illi dwar dan l-aggravju irid jinghad qabel kollox illi kif inhu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna, l-ammissjoni, f'dan il-kaz bikrija, ma ggibx maghha b'mod awtomatiku xi dritt ta' piena fil-minimu taghha. Ugwalment sinjifikanti, izda, huwa minnu illi bl-ammissjoni, specjalment fi stadju bikri, jkun frankat hafna hin ghall-kullhadd. Mhux biss ghall-amministrazzjoni izda ukoll ghall-imputat innifsu li, la darba ma jkollu ebda dubju mill-htija tieghu, jaf illi ser jibda jiskonta l-piena erogabbli minn dakinhar u mhux minn zmien iehor indefinit;

5. Inoltre, l-Qrati taghna invarjabilment urew klemenza b'kominazzjoni ta' piena proporzjonata u vizibilment anqas minn dik erogabbli fi tmiem ta' process minghajr ammissjoni. Dan certament m'ghandu bl-ebda mod jiftiehem illi l-kontestazzjoni ta' kawza ggib maghha piena aktar severa anke ghaliex il-kontestazzjoni huwa dritt sagrosant sancit mid-dritt kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

6. L-imputat u il-ko-imputati kienu rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjoni bi ksur ta' dak ipottizzat fl-artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 tal-ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 32((1c) tal-Kapitolu 217. Mill-atti processwali jemergi illi l-appellant kien wasal

Malta bhala refugjat fuq dghajsa mill-Libja flimkien ma' mitejn immigrant iehor. F'Awwissu 2020 intbaghat lura Malta minn Ruma wara li kien siefer b'passaport ta' persuna ohra u li ghalih hallas tmien mitt ewro. Dan l-agir huwa bi ksur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 3 passibbli ghal piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn. L-uzu ta' tali passaport imbaghad huwa soggett ghal piena ta' mhux aktar minn sitt xhur skond l-artikolu 4 tal-istess Kapitolu;

7. It-tielet imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, dik tal-ghoti ta' prospett falz jew dikjarazzjoni falza lill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni ggorr piena ta' multa ta' mhux izjed minn €11,646.87 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien;

8. Issa, ghalkemm l-ewwel Qorti ma indikatx li kienet qed tqis r-reati bhala mezz ghall-fini skond kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, dan huwa stat ta' fatt u ghalhekk kellu jkun applikat dan l-artikolu li jrid li tinghata l-piena l-aktar gravi. B'hekk l-ewwel Qorti kkominat il-massimu tal-piena karcerarja erogabbli skond l-artikolu 32(1)(c) izda ma kkundannatux ghal piena tal-multa;

9. Huwa minnu li l-frekwenza ta' dawn ir-reati qieghda kull ma jmur tizdied u din il-Qorti tifhem lil dik tal-ewwel grad fl-isforzi taghha sabiex teroga sanzjoni li tirrifletti l-gravita' tas-sitwazzjoni aktar u aktar meta dan si tratta ta' rejat kontra s-sigurta' tal-fruntieri u uzu ta' dokumenti foloz. Madanakollu, huwa ugwalment importanti li l-piena tkun wahda proporzjonata u ragjonevoli skond il-kaz;

10. Huwa ukoll ghal dan il-ghan li l-legislatur ikun pprovda gradwatorja ta' piena bejn il-minimu u l-massimu, liema gradwatorja hija afdata esklussivament f'idejn il-gudikant. Irid jinghad ukoll illi wiehed mill-ghanijiet tal-piena huwa l-aspett ta' deterrent anke jekk, llum il-gurnata huwa f'persentagg zghir u meghlub mill-aspett restorattiv;

11. Konsiderat dan kollu u tenut kont ukoll ta' sitwazzjoni fejn tkun registrata ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll illi l-pieni ma jistghux jibqghu ikunu applikati fil-minimu taghhom bil-frekwenza ta' dawn ir-rejati dejjem tizdied, din il-Qorti ser ikollha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti u ghalhekk qed tilqa' t-tieni aggravju billi tittempra l-piena erogata;

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni wiehed u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal sentejn prigunerija u minflok qed tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien sena (1).

Imhallef